MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 381/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angela Mizzi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angela Mizzi ID 403177(M) bint Saviour u Maria nee` Seychell imwielda 14.07.1977 talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqset sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja tat-taxxa ghaz-zminijiet ta' taxxa li ntemmu fil-31 ta' Mejju 2002, fil-31 t'Awissu 2002 u fit-30 ta' Novembru 2002, u dan bi ksur tal-artikoli 27(1) u 76(c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; il-qorti giet mitluba tordna lill-

imputata tikkonforma ruhha mal-ligi fi zmien bizzejjed biex tkun tista’ taghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tlett xhur, taht penali ta’ mhux inqas minn zewg liri u mhux iktar minn ghaxar liri ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-qorti;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputata Angela Mizzi hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u kkundannatha thallas multa ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150 – illum Ewro 349.41); dik il-qorti ordnatilha wkoll sabiex fi zmien tlett xhur tikkonforma ruhha mal-ligi u fin-nuqqas li taghmel hekk tehel multa ta’ sitt liri maltin (Lm6) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Angela Mizzi, minnha prezentat fit-2 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassarha f’dik il-parti fejn imponiet il-penali *per diem* fin-nuqqas ta’ ottemperanza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Frar 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti hu li galadarba hija marret, fit-23 ta’ Ottubru 2007, jigifieri gurnata qabel l-udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri, fid-Dipartiment relattiv u pprezentat id-denunzji ghall-perjodi indikati fl-imputazzjoni u ghalkemm ma hallsitx it-taxxa dovuta ghal dawk il-perjodi, id-Dipartiment tal-VAT ghandu biss kreditu civili fil-konfront taghha, u l-ewwel qorti ma setghetx aktar tordnalha li tikkonforma ruhha mal-ligi taht penali *per diem* fin-nuqqas. Skond l-appellanti galadarba d-Dipartiment accetta “il-parti amministrattiva” jigifieri id-denunzji, allura hija “ottemperat ruhha ma’ dak li kien addebitat lilha” fl-imputazzjoni bil-konsegwenza, kif inghad, li ma setax ikun hemm aktar l-ordni sabiex hija tikkonforma ruhha mal-ligi taht penali.

Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh bhalma huwa fieragh l-appell kollu kemm hu. Kif gie gustament osservat

fis-sentenza appellata, l-Artikolu 27(4) tal-Kap. 406 jipprovdi illi

**“Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx shiha u dettaljata f’kull aspett materjali taghha u jekk u sakemm it-taxxa li tirrizulta li ghandha tithallas skond id-dikjarazzjonijiet fiha maghmula tkun thallset lill-Kummissarju:…”**

Fi kliem iehor, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kap. 406, id-denunzja minghajr il-hlas relattiv tekwivali daqs li kieku dik l-istess denunzja ma gietx ipprezentata. Il-fatt li d-Dipartiment jista’ jittimbra kopja minnhom bid-data meta tkun giet sottomessa dik id-denunzja minghajr il-flus, ma jfisser assolutament xejn – it-timbru huwa biss indikazzjoni li dokument, li pero` ma jkunx konformi mal-ligi, ikun gie pprezentat f’dak id-Dipartiment.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li t-terminu ta’ tlett xhur jibda jiddekorri mil-lum. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fit-termini ta’ l-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellanti ammenda ta’ mija u sbatax-il Ewro (Ewro 117), konvertibbli f’ghaxart ijiem detenzjoni fil-kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------